**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Vinc Sammut**

**Kumpilazzjoni Numru: 535/2021**

**Illum, tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Vinc Sammut** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 6175M akkuzat talli fit-30 ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin

minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. **Ikkaguna att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' -Omissis- mwielda fil--Omissis- li hija bint is-siehba tieghu u li hija persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè ta' taht il-hmistax il-sena.**

   *Art. 207, 202 (h)(i)(k) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Gunju, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 207, 202(h)(v), 202(k) u 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata 16 ta' April 2024.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi xehed <u>**l-Ispettur Joseph Busuttil**</u> li pprezenta dikjarazzjoni ta' rinunzja tal-jedd ghall-assistenza legali matul l-istqarrija, il-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid tal-akkuzat, certifikat tat-twelid tal-parte civile, rapport kif ukoll zewg (2) DvD's. Jghid li l-Pulizija tad-distrett ircevew rapport minghand -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis- li stqarret li kellha relazzjoni mal-akkuzat Vinc Sammut u li din ir-relazzjoni kienet ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin. Jghid li tali relazzjoni ntemmet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru 2020 stante li l-istess akkuzat kien ibus lil bintha fuq wiccha kif ukoll joqghod imissilha saqajha. Jippreciza li t-tifla ta' -Omissis- mhix it-tifla naturali tal-akkuzat. Ikompli jixhed li t-tifla jisimha -Omissis-.

Ikompli jghid li hu kellem kemm lill-vittma minuri kif ukoll lil ommha separatament u t-tnejn li huma stqarrew l-istess haga. Stqarrew mieghu li l-akkuzat kien joqghod ibus lill-parte civile fuq haddejha kif ukoll imissilha saqajha meta kienu jkunu bilqieghda fil-karozza. Jghid li meta saqsa lill-omm ghalfejn iddecidiet biex taghmel dan ir-rapport spjegatlu li dan kien minhabba l-fatt li f'Dicembru ma baqghux flimkien stante li l-akkuzat kien qieghed f'relazzjoni ma' wahda ohra u kien inqala' argument tramite xi messaggi li ntbaghtu minn fuq il-mobile. Jixhed li wara dan l-argument is-siehba l-gdida tal-akkuzat marret taghmel rapport fil-konfront ta' -Omissis-. Jghid li minhabba f'hekk l-istess -Omissis- ghamlet dawn l-allegazzjonijiet.

Izid jghid li hu baghat ghall-akkuzat u saqsieh rigward dawn l-allegazzjonijiet. Jghid li l-akkuzat ammetta li gieli kien ta' bewsa lill-parte civile fuq wiccha u li din grat diversi drabi. Jghid li rigward l-allegazzjoni li kien imiss saqajn il-vittma minuri l-akkuzat spjega li meta kien ikun qieghed isuq it-tifla tkun trid toqghod fuq quddiem stante li kien jaqbdilha d-deni fuq wara. Jghid li allura xi kultant kien iqieghed idejh fuq l-irkoppa taghha u dan billi jtaptapilha. Ikompli jghid li l-akkuzat spjegalu li qatt ma kellu intenzjonijiet hziena u kien jagixxi daqs li kieku t-tifla kienet bintu.

Izid jghid li l-akkuzat spjega li fil-fatt kien hu li temm ir-relazzjoni u mhux -Omissis- u li l-istess -Omissis- baqghet issegwih ghal madwar gimaghtejn.

Ikompli jixhed li stante dawn iz-zewg (2) verzjonijiet differenti xtaq jivverifika liema wahda kienet kredibbli u ghalhekk talab il-call profile minghand is-service providers bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar. Jghid li fil-call profile rrizulta li matul dan il-perjodu ma kienx minnu li -Omissis- cemplet lill-akkuzat ghal diversi drabi izda kien ghal darbtejn (2) biss. Izid jghid li l-vittma minuri qablet mal-verzjoni tal-omm u li kienet thossha skomda hafna meta sehhew l-allegati reati.

Illi xehdet <u>-Omissis-</u> li hija omm il-vittma minuri u tikkonferma li hija kienet f'relazzjoni mal-akkuzat ghal madwar sitt snin u nofs. Tghid li fit-tletin (30) ta' Jannar hi kienet ghajret lis-siehba tal-akkuzat u malli skopriet li din l-istess siehba marret l-Ghassa taghmel rapport flimkien mal-akkuzat hi ddecidiet biex tiftah qalbha rigward l-allegati reati. Tghid ukoll li l-akkuzat kien mohhu biex jipprova jbus lit-tifla taghha fuq ix-xofftejn kif ukoll biex jipprova jmiss is-sieq tal-istess tifla. Tkompli tghid li kull meta l-akkuzat kien jipprova jbus lit-tifla fuq xofftejha hi kienet tghatti

halqha b’idejha. Izzid tghid ukoll li l-akkuzat kien jghaddi kummenti lejn il-vittma minuri bhal perezempju “x’tisbieh” u “x’patata”.

Tkompli tghid li l-akkuzat kien imiss saqajn il-vittma minuri meta kien ikun qieghed isuq filwaqt li l-istess vittma minuri tkun qieghda tirkeb fuq quddiem. Tippreciza li l-akkuzat kien imiss is-sieq il-leminija tal-vittma minuri u xi kultant anke s-sieq ix-xellugija. Tghid li waqt dan kollu hi kienet tpoggi fuq wara tal-vettura u jekk kienet ser tpoggi minflok it-tifla l-akkuzat kien jirrabja maghha. Izzid tghid li l-akkuzat kien anke qieghed lill-vittma minuri bilqieghda bejn saqajh sabiex ikun jista’ jghallimha ssuq. Rigward ir-relazzjoni taghha mal-akkuzat tghid li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Dicembru kienet cemplitlu u bdew jillitikaw u minn dakinhar qatt ma regghu tkellmu. Izzid tghid li l-unika darba li rega’ kien kellimha kien fit-tletin (30) ta’ Jannar tramite t-telefon u kienet hassitha mhedda.

Inkontroezami tixhed li hi gieli kienet tghir ghal fatt li l-akkuzat kien juri iktar rispett lejn il-vittma minuri milli lejha. Tikkonferma li r-raguni ghalfejn sar ir-rapport tal-kaz odjern kien bhala reazzjoni ghar-rapport li s-siehba tal-akkuzat ghamlet fil-

konfront taghha. Tghid li fis-sena 2017 jew 2018 kienu nbdew proceduri kriminali kontra l-akkuzat stante li allegatament kien kissrilha xi snien. Tixhed li bintha kienet irrabjata u mdejqa dak iz-zmien stante li kienet skomda li l-akkuzat kien qieghed jigi d-dar. Tixhed li din l-iskumdità giet fl-ahhar sena tar-relazzjoni taghhom. Izzid tghid li l-komportament tal-akkuzat ma kienx tbiddel fil-konfront tal-vittma minuri matul is-snin.

Tkompli tixhed inkontroezami li kienet toqghod attenta sabiex it-tifla taghha ma tithalliex wahedha mal-akkuzat. Tghid ukoll li hi tkellmet dwar dan kollu mal-haddiema socjali taghha izda dawn ma kinux lesti li jixhdu fil-kaz *de quo*. Tixhed li n-numru tal-mobile li kienet tuza fiz-zmien bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru u d-data ta' meta sar ir-rapport kien -Omissis- mentri n-numru li kien juza l-akkuzat f'Mejju kien -Omissis-.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha madwar tnax (12) u tlettax (13)-il sena u xehdet bis-sistema awdjo viziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li tghid il-verità kollha. Tghid li ommha hija certu -Omissis- u li s-sieheb taghha kien l-akkuzat Vinc Sammut. Tixhed li hi kienet marret ma' ommha sabiex jitkellmu ma' Spettur rigward l-akkuzat.

Tghid li l-akkuzat kien jipprova jbusha fuq xufftejha izda qatt ma rnexxielu stante li kienet tghatti halqha b'idejha. Tkompli tixhed li l-akkuzat kien anke jaghfsilha rkopptejha. Izzid tghid li haga ohra li kien jaghmel l-akkuzat kienet li jaqbad u jidhol fil-kamra tas-sodda taghha minghajr pre-avviz.

Tkompli tghid li l-akkuzat kien joqghod imiss il-warrani taghha sahansitra anke fil-prezenza t'ommha. Tghid li ommha kienet tibqa' siekta minhabba l-fatt li l-akkuzat kellu habta jinfexx jghajjat u jinsulta lill-istess omm. Tixhed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru ommha u l-akkuzat kellhom glieda stante li kienet qieghda tiskopri dawn l-affarijiet kollha. Izzid tghid li l-akkuzat kien anke jipprova jghallimha s-sewqan u dan billi kien jghidilha biex titla' tpoggi bilqieghda bejn saqajh. Tixhed li matul dan kollu hi kienet thossha skomda u li llum il-gurnata thossha iktar kuntenta stante li mhux qieghed f'kuntatt mal-akkuzat.

Inkontroezami tixhed li hi tkellmet dwar l-allegati reati ma' ohtha -Omissis- u ma' zitha -Omissis- u dan qabel ma tkellmet mal-Ispettur. Tghid li zitha u ohtha kienu kellmu lil ommha dwar dan kollu. Tghid ukoll li ommha ghamlet ir-rapport dwar l-allegati reati meta kienet iggieldet mal-akkuzat b'dana li baghtet xi messaggi

ta' tghajjir tramite l-mobile lis-siehba l-gdida tal-akkuzat. Tixhed ukoll li kien biss meta din is-siehba l-gdida marret taghmel rapport fil-konfront ta' ommha li ommha wettqet ir-rapport tal-kaz *de quo*. Tghid li l-akkuzat kien imiss il-warrani taghha meta perezempju kienu jilaghbu l-karti u xhin tqum minn fuq is-siggu kien imissilha l-warrani.

Illi xehed <u>l-Ispettur Roderick Attard</u> li jghid li fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena 2021 -Omissis- bin-numru tal-Identità -Omissis- irrappurtat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fejn stqarret li xahar qabel kienet hassret minn mal-akkuzat stante xi dizgwid li kien hemm bejniethom. Jghid ukoll li kienu ilhom f'relazzjoni ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin. Jixhed li l-akkuzat kien qieghed ikollu certu atteggjament stramb fil-konfront ta' bintha u cioè -Omissis-. Izid jghid li incident li gara li turi dan l-atteggjament stramb kien meta waqt li kien ikun qieghed isuq bit-tifla hdejh, l-akkuzat kien joqghod imissilha kuxxtejha. Jghid li -Omissis- tkompli tghid li gieli kien ikun hemm mument fejn l-akkuzat kien jaqbad jidhol gol-kamra tas-sodda ta' -Omissis-.

Jixhed li sussegwentement hu informa lill-Ispettur Joseph Busuttil gewwa l-Vice Squad fejn da parti tieghu ghamel appuntament ma'

-Omissis- u ma' bintha. Izid jghid li ttiehdet stqarrija b'mod awdjo viziv u kien wara li gie mitkellem l-akkuzat Vinc Sammut. Jixhed li l-istess akkuzat kien inghata d-drittijiet legali tieghu. Jixhed ukoll li l-akkuzat stqarr li -Omissis- kienet tghir ghal bintha filwaqt li jghid li l-istess -Omissis- kienet qieghda tesagera ghal dak li jirrigwarda l-fatt li hu kien itaptap l-irkoppa tal-vittma minuri. Jikkonferma d-dokument immarkat bhala Dok. JB1.

Ikompli jghid li sabiex jara liema hija l-verzjoni l-iktar kredibbli bejn dak li ntqal mill-akkuzat u dak li ntqal minn -Omissis- kien iddecieda li jikseb il-call profiles tal-mobiles taz-zewg partijiet. Jghid li rrizultalu li -Omissis- kienet korretta meta qalet li l-akkuzat kien ikkomunika maghha l-ghada tal-Milied.

Illi xehdet <u>**Charmaine Zammit**</u> inrapprezentanza tal-Epic Communications Ltd li tghid li giet mitluba tipprezenta call logs tan-numru -Omissis- kif ukoll tan-numru -Omissis- ghall-perjodu ta' bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru 2020 u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2021. Tali call logs gew ipprezentati fuq CD immarkata bhala Dok. CZ1. Tixhed li n-numru -Omissis- huwa rregistrat f'isem Vinc Sammut bin-numru tal-

identità 6175M filwaqt li n-numru -Omissis- huwa registrat fuq -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-.

Illi xehdet <u>**Katya Vassallo**</u> li pprezentat l-istqarrija tal-akkuzat Vinc Sammut kif ukoll statement ta' -Omissis- u bintha -Omissis- li ttraskriviet fuq zewg (2) CD's liema CD's gew immarkati bhala Dok. KV1 u Dok. KV2.

Illi rega' xehed <u>**l-Ispettur Joseph Busuttil**</u> li pprezenta PIRS bin-numru 6A/N/443/2021 li gie pprintjat minnu stess u li kien gie mhejji minn PC 1050 Michael Thomas Chetcuti.

Illi xehdet <u>**Marica Sultana**</u> li tghid li hi taf lill-akkuzat stante li ommha u ommu kienu girien gewwa San Giljan. Tghid li taf li l-akkuzat kien f'relazzjoni ma' certa -Omissis-. Tghid ukoll li fuq il-Messenger kienet tircievi messaggi ta' tghajjir minghand din l-istess -Omissis-. Tixhed li dan sehh madwar sentejn (2) ilu u li hi marret taghmel rapport l-Ghassa ta' San Gwann dwar dan it-tghajjir filwaqt li anke bblokkjat lill-istess -Omissis-. Tali rapport sehh fis-sena 2021. Tikkonferma dak li hemm indikat fid-dokument esebit a fol. 139 tal-atti processwali. Tixhed li wara dakinhar minkejja li kellha tattendi ghal darb'ohra gewwa l-Ghassa

hi ma semghet xejn iktar. Tixhed ukoll li qatt ma kienet f'relazzjoni mal-akkuzat. Izzid tghid li hi ma tafx min hi -Omissis-.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** riprodotta mid-difiza inkontroezami li tghid li hi minn mindu zzewget dejjem kellha l-isem ta' -Omissis- u li kienet tuza l-isem ta' -Omissis- meta kienet xebba. Tikkonferma li kienet hi li baghtet il-messagg li hemm esebit fuq Dok. RM1 bl-isem ta' -Omissis-.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller*

*vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-imputat odjern jista' jigi misjub hati bir-reat addebitat lilu u dan ghaliex jirrizulta li jezistu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-Prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha 'l quddiem f'din is-sentenza tezamina xi provi cirkostanzjali ngabu tul dawn il-proceduri sabiex

tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi dwar dan il-punt, il-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx*

*prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u>** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta'*

> *qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- u ta' ommha -Omissis- kif ikkorroborata mal-ftit provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età*

*tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and,*

*should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad li ghalkemm fix-xhieda taghha l-minuri kienet konsistenti fil-verzjoni taghha, din il-verzjoni giet ikkorroborata **perfettament mal-verzjoni tal-minuri. Il-kelma "perfettament" qed tigi evidenzjata ghaliex propju l-verzjonijiet taghhom huma identici ghal dak li esperjenzaw huma, xi haga li hija ghal kwantu improbabbli.**

Illi qabel xejn, tul dawn il-proceduri, il-Qorti kienet u baqghet perplessa ghal dak li ghandu x'jaqsam iz-zmien li ghadda minn mindu sehhew l-allegati reati u t-tempistika li fih sar ir-rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Illi hawnhekk il-Qorti qed tirrileva illi

[1] Emfazi tal-Qorti

kienet l-omm illi riedet taghmel tali rapport ghaliex propju dawn kienu atti li allegatament twettqu fuq il-minuri u fil-prezenza tal-omm. U ghalhekk id-domanda tqum naturali ghalfejn l-omm iddecidiet li taghmel tali rapport wara li kienet ilha f'relazzjoni mal-imputat sitt snin u nofs u meta kienet qed tesperjenza dawn l-atti fil-konfront ta' bintha. U ghalhekk x'omm tista' tkun dik li tesperjenza abbuz fuq it-tifla taghha mis-sieheb taghha u tkompli r-relazzjoni ta' bejniethom u ma taghmilx rapport immedjatament?

Illi di più l-Qorti tinnota r-raguni ghalfejn sar ir-rapport u cioè li l-omm xtaqet twettaq vendikazzjoni fil-konfront tal-akkuzat u dan wara li saret taf li l-istess akkuzat kien dahhal rapport fil-konfront taghha. Referenza qieghda ssir a fol. 72 tal-atti processwali fejn -Omissis- qalet hekk:

| | |
|---|---|
| *"Difiza:* | *Dan ir-rapport sar, igifieri r-raguni li waslek biex taghmlu dakinhar xahar u gimghat wara li hassartu r-relazzjoni kien propju ghaliex dahal dar-rapport fil-konfront tieghek hux hekk?* |
| *Xhud:* | *Ezatt.* |
| ***Difiza:*** | ***B' reazzjoni?*** |

*Xhud: Ezatt[2]"*

Illi di più l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li bejn l-akkuzat u omm il-vittma minuri kien hemm relazzjoni turbulenti fejn sahansitra l-istess -Omissis- kienet tghir ghall-mod kif l-akkuzat kien jittratta lil bintha:

*"Difiza: Issa, hekk pero` l-problema? Wahda mill-problema tieghek kienet fil-mod kif kont tarah igib ruhu mieghek hija li kien jittratta lil bintek ahjar minnek. Hux vera?*

*Xhud: Dik ija hux ovja."*

Illi ghalhekk il-Qorti qieghda tiddikjara li l-unika prova krucjali fil-kaz *de quo* u cioè l-verzjoni tal-minuri u ta' ommha m'ghandomx mis-sewwa.

Illi minkejja l-fatt kif digà nghad li kemm l-omm kif ukoll il-vittma minuri kienu konsistenti sal-icken dettal fix-xhieda taghhom, huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tanalizza x'jikkostitwixxi bhala "att ta' natura sesswali". Referenza ghalhekk qieghda ssir

[2] Emfazi ta' din il-Qorti

ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Manweli Zahra*** deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2023 li tanalizza bir-reqqa l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

> *"Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna. Illi l-imputat huwa akkuzat biss b'dak li hemm taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Gerald Cassar*** *deciza 18/07/1959 dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur fejn irretiniet hekk:*
>
> > *L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' -jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni*

> *speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*

*F'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)*

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-*

*dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* **The Police v. Thomas Wiffen**.

*F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista* **Francesco Carfora**, *li:*

*"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita ` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967)*

*Dwar it-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti*

*tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Thomas Wiffen*** *deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996 li tghid:*

*"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*

***Whether there has been defilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts[3].***"

[3] Emfazi ta' din il-Qorti

...

*Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(vol. XXXIX.iv.931):*

> *"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet - 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia*

*prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

*Kif spjegat fis-sentenza* **il-Pulizija vs Oglive Grima** *deciza fit-30 ta Settembru, 2020 qalet hekk:*

*"din id-definizzjoni ta' atti ta' natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

*Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Spiro Silvio*** *deciza fit-12 ta' Marzu 1960 fejn gie kwotat anki l-Carrara u ndirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:*

> *"Vi fu violenza nell'atto?*
>
> *Vi fu scopo di libidine?*
>
> *Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
>
> *Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento?" Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410.*

*L-Archbold (Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923) jispjega hekk:*

*A person (A) commits an offence if—*

*(a) he intentionally touches another person (B),*

*(b) the touching is sexual, (c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*

…

*L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:*

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[…]*

*In H. 2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not*

> *inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*
>
> *Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37. Pg. 923"*

Illi di più a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma giex ippruvat li l-imputat kellu l-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-prosekuzzjoni u cioè l-att sesswali minghajr kunsens fuq minorenni. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi dan anke johrog mill-istqarrija tal-akkuzat fejn hu sahaq hekk a fol. 115 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Spettur Joseph Busuttil:* | *Ilek tafha tliet snin u ovvjament taf li hija t-tifla ta' -Omissis-, u peress li kont ma' -Omissis- jigifieri qed tghidli kont thoss qisek speci ta' missier tar-rispett taghha?* |
| *Akkuzat:* | *Mhux hekk mhux hekk."* |

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:

*"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma*

*jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta' l-istqarrija ta' l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova. F'dan il-kuntest l-allegati azzjonijiet jaghmlu sens u cioè li l-akkuzat kien qieghed jipprova jzomm relazzjoni ta' mhabba paterna mal-vittma minuri.

Illi *multo magis* lanqas ma gie pruvat l-estremi necessarji tal-attentat ta' dan id-delitt u cioè dak kontemplat taht l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt* ***juri dan il-hsieb b'atti esterni***[4] *u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort' ohra"*

Illi kwindi la x-xhieda tal-vittma minuri ma hijiex qed tigi meqjusa bhala kredibbli, allura jregi l-argument li l-att estern necessarju sabiex jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 41 huwa monk.

**IKKUNSIDRAT**

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

[4] Emfazi ta' din il-Qorti.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Omissis</u> deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza,*

*ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[5] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda*

[5] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[6], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[7] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta*

[6] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003
[7] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi di più l-Qorti ttinnota li l-prosekuzzjoni setghet matul dawn l-erba' (4) snin ta' proceduri ttella' xhieda ohra sabiex jikkorroboraw dak li kien qieghed jigi allegat mill-vittma minuri u ommha bhal per ezempju -Omissis- li tigi oht il-vittma minuri, -Omissis- li tigi z-zija tal-istess vittma minuri kif ukoll il-haddiema socjali li ssemmiet minn -Omissis-[8]. Dawn kollha setghu kienu xhieda li kienu kapaci joffru iktar kjarezza kemm lill-Qorti kif ukoll lill-prosekuzzjoni. Jista' jkun li dan ma sarx ghar-raguni li l-istess

[8] Fol 75 tal-atti processwali

prosekuzzjoni kienet konxja li l-kaz fih innifsu kien monk minn dawk l-elementi essenzjali ghal kawza kriminali biex tirnexxi?

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal fatt li matul ir-relazzjoni bejn l-akkuzat u -Omissis-, u cioè wahda li damet sitt (6) snin, kienet biss fl-ahhar sena li l-vittma minuri kienet skomda bil-prezenza tal-akkuzat. Il-Qorti ssib dan il-fatt bhala koincidenza suspettuza stante li dik l-ahhar sena kienet ukoll is-sena li l-partijiet kienu jillitikaw l-iktar. Il-Qorti tiddeplora l-fatt li omm il-parte civile ddecidiet biex tuza lit-tifla sabiex tohloq vendikazzjoni lejn l-akkuzat u tipprova tharbatlu hajtu.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Vinc Sammut** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**